Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,448, 28 ta' Lulju, 2020

Taqsima B

A.L. 306 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2020 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts – B.A. – u Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2020 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 11 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2020 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) jista' jingħata fi kwalunkwe wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju:

L-Antropoloġija, l-Arkeoloġija, il-Classics, il-Filosofija, il-Fine Arts, il-Franċiż, il-Ġografija, il-Ġermaniż, l-Ingliż, l-Istorja, l-Istorja Ewropea u Globali, l-Istorja tal-Arti, l-Istudji Mediterranji Kontemporanji, l-Istudji tal-Mużika, l-Istudji Orjentali (iċ-Ċiniż), l-Istudji Orjentali (l-Ebrajk), l-Istudji Orjentali (l-Għarbi), l-Istudji Orjentali (in-Near Eastern Studies), l-Istudji Soċjali, l-Ispanjol u l-Istudji tal-Amerika Latina, l-Istudji tat-Teatru, l-Istudji taż-Żfin, il-Lingwistika, il-Malti, ir-Relazzjonijiet Internazzjonali, is-Soċjoloġija, it-Taljan, u kwalunkwe qasam ta' studju ieħor irrakkomandat mill-Bord u approvat mis-Senat."

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

4. Is-sottoparagrafu (j) li ġej għandu jidħol wara s-sottoparagrafu (i) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali:

"(j) għal**l-Istudji fiż-Żfin**, l-applikanti huma meħtieġa li jagħmlu intervista u prova. L-applikanti huma wkoll meħtieġa li jissottomettu formola kompluta tal-istat mediku tagħhom. Dawk l-applikanti li ma jkunux jistgħu jattendu l-intervista u l-prova taż-żfin in persuna jistgħu jirranġaw biex ilestu l-proċess permezz ta' komunikazzjoni elettronika."